Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 2153/2003

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Bryan Dimech**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta' Ottubru, 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet mija u sittax-il lira Maltija u erba' centezmi (Lm316.04) bhala hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta` attrici lill-konvenut in konnessjoni ma' mobile phone 9984 1925.

Il-konvenut interpellat sabiex ihallas diversi drabi baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz tat-Talba u bl-

interessi kontra l-konvenut mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tliet mija u sittax-il lira Maltija u erba' centezmi (Lm316.04), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------